Illum sbieħ (il-7) ta' Mejju elfejn u tmintax (2018)

Quddiemi Nutar Dottor Enzo Refalo qed jidhru personalment wara li identifikaw ruhhom skond il-ligi:

Minn naha l-wahda:

Grace Farrugia, mara tad-dar, mart Baskal Farrugia, bint Giusepp Ciantar u Maria nee Haber, t-tnejn mejtin, mwielda Ghajnsielem, Ghawdex fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar elf disgha mija u disgha u hamsin (1959) u residenti Ghajnsielem: Karta tal-Identita numru 8759G, li qeghdha tidher fuq il-prezenti f'isimha propju kif ukoll f'isem u in rappresentanza ta' zewgha **Baskal Farrugia**, mechanic, bin Grezzju Farrugia u Maria Antonia nee Farrugia, t-tnejn mejtin, mwieled Zebbug, Ghawdex fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar elf disgha mija u hamsa u hamsin (1955) u residenti Ghajnsielem, Ghawdex: Karta tal-Identita numru 8955G kif verbalment awtorizzata – maghrufin bhala id-Donanti.

U minn naha l-ohra:

Christopher Farrugia, event scheduler, bin l-istess Baskal Farrugia u Grace nee Ciantar, mwieled Rabat, Ghawdex fl-ghoxrin (20) ta' Ottubru elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) u residenti Ghajnsielem, Ghawdex: Karta tal-Identita numru 36591G– maghruf bhala id-Donatarju.

Bis-sahha ta' dan l-att:

Id-Donanti qeghdin jaghtu u jikkoncedu b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli, b'effett millum stess u bl-esenzjoni mill-obbligu tal-kollazzjoni u imputazzjoni fl-assi ereditarju taghhom, lid-Donatarju, binhom Christopher Farrugia, li jaccetta u bl-istess titolu ta' donazzjoni jakkwista il-plot numru mija u hmistax (115), mill-art imsejjha Ta' Kaxxja sive Ta' Kaxxa jew Ta' Zakkun, fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka mitejn u erbghin punt sebgha metri kwadri (240.7 m.k.) u konfinanti lvant ma Triq Simirat, irjieh ohra ma beni tal-Kattidral ta' Ghawdex jew l-aventi causa, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi taghha kollha u bil-pussess vakant u dan kif murija fuq il-pjanta annessa u mmarkata dokument 'A', liema immobbli ghandu valur ta' mija u hamsa u sebghin elf Euro (€175,000).

Id-Donanti jiggarantixxu l-pacifiku pussess u reali godiment tal-immobbli donati b'ipoteka generali tal-beni taghhom kollha prezenti u futuri favur id-Donatarju li jaccetta.

Ghall-finijiet tal-ligijiet fiskali illi jirrigwardaw trasferiment ta' proprjetà immobbli u ligijiet ohra jigi dikjarat:

ENZO REFALO Notary Public and Commissioner for Oaths MALTA

Arkivre Arkivre

- L-immobbli donat gie akkwistat mid-Donanti b'titolu oneruz b'att tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tal-ghaxra (10) ta' Jannar elf disa' mija u sebgha u disghin (1997).

- illi l-partijiet jiddikjaraw illi l-valur minnhom attribwit huwa gust u reali u huma jaghmlu din id-dikjarazzjoni wara li jiena Nutar hawn taht iffirmat iccerzjorajthom b'mod specjali mill-importanza tal-veracità ta' din id-dikjarazzjoni taghhom;

- Ghall-finijiet ta' l-Att dwar l-Akkwist ta' Propjeta Immobbli minn persuni mhux residenti Malta, id-Donatarju jiddikjara li huwa ċittadin tal-Unjoni Ewropea u li ilu residenti Malta ghal perijodu kontinwu ta' aktar minn hames (5) snin tul hajjtu; u huwa jaghmel din id-dikjarazzjoni wara li jiena Nutar hawn iffirmat iccerzjorajtu b'mod specjali l-importanza tal-veracita tad-dikjarazzjoni tieghu;

- Il-partijiet fuq dan l-att jiddikjaraw li huma stqarru lili Nutar hawn taht iffirmat, il-fatti kollha li jiddeterminaw jekk dan it-trasferiment huwiex wiehed li ghalih japplika l-Artiklu hamsa ittra 'A' (5A) tal-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dhul, u li huma relevanti biex jigi accertat l-ammont tà taxxa li ghandha tithallas fuq dan it-trasferiment, jew xi esenzjoni, inkluz il-valur li, fl-opinjoni taghhom, jirrifletti il-valur tas-suq tal-propjeta trasferita, jekk dan il-valur huwa oghla mill-prezz fdat-trasferiment u huma jiddikjaraw dan lil jiena Nutar hawn taht iffirmat iccerzjorajthom b'mod specjali mill-importanza tal-veracita tà din id-dikjarazzjoni.

- Peress illi d-Donatarju huwa iben id-Donanti, dan l-att huwa ezenti minn taxxa fuq il-qliegh kapitali u/jew taxxa fuq it-trasferiment tal-propjeta.

- Id-Donatarju jiddikjara li din hija l-ewwel propjeta immobbli li huwa qieghed jakkwista minghand il-genituri tieghu u li huwa behsibu jistablixxi r-residenza unika u ordinarja tieghu fil-propjeta li eventwalment tinbena fuq l-istess art, u huwa jaghmel din id-dikjarazzjoni wara li jiena Nutar hawn taht iffirmat iccerzjorajthom dwar l-importanza tal-verita tad-dikjarazzjoni tieghu.

- In vista tad-dikjarazzjoni precedenti, ma hija dovuta l-ebda taxxa ad valorem fuq dan l-att.

- Id-Donanti jiddikjaraw illi ma humiex sejrin jistabilixxu ir-residenza taghhom barra minn Malta qabel id-data tal-prospett tal-Income tas-sena d-diehla.

- Il-partijiet jiddikjaraw illi l-immobbli trasferit jikkonsisti f'art

ENZO REFALO
Notary Public
and
Commissioner
for Oaths
~MALTA~